

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1469**tal-11 ta' Awwissu 2017****li jistabbilixxi format ta' preżentazzjoni standardizzati għad-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(9) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2016/97 tobbliga manifatturi ta' prodotti ta' assicurazzjoni mhux tal-ħajja, kif elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, ifasslu dokument ta' informazzjoni standardizzati dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni sabiex il-konsumaturi jiġu pprovduti bl-informazzjoni meħtieġa dwar il-prodotti ta' assicurazzjoni mhux tal-ħajja kif elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE, sabiex il-konsumatur ikun jista' jieħu deċiżjoni informata.
- (2) L-Artikolu 20(8) tad-Direttiva (UE) 2016/97 jispeċifika liema informazzjoni jenħtieġ li tiġi inkluża fid-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni.
- (3) Sabiex il-konsumaturi jiġu pprovduti b'informazzjoni dwar il-prodott li tkun tista' tingara, tintfieh u tiġi mqabbla faċilment, jenħtieġ li jintużaw disinn, struttura u format komuni meta l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(8) tad-Direttiva (UE) 2016/97 tiġi ppreżentata fid-dokument ta' informazzjoni standarizzati dwar il-prodotti ta' assicurazzjoni msemmi fl-Artikolu 20(5) ta' din id-Direttiva, inkluż bl-użu ta' ikoni u simboli. Bl-istess mod, l-informazzjoni dwar is-supplimentazzjonijiet (*add-ons*) u l-koperturi fakultattivi, jekk ikun hemm, ma għandhiex tiġi preċeduta b'tikks, slaleb jew punti esklamattivi u l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fid-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni għandha tokkupa normalment żewġ naħat ta' karta A4, iżda fl-ebda każ ma għandha taqbeż tliet naħat ta' karta A4.
- (4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA).
- (5) F'konformità mal-Artikolu 20(9) tad-Direttiva (UE) 2016/97, l-EIOPA wettqet ittestjar tal-konsumaturi tad-dokument tal-informazzjoni standardizzati dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni u kkonsultat l-awtoritajiet nazzjonali. L-EIOPA wettqet ukoll konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tas-Settur tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Isem u logo tal-kumpanija tal-manifattur**

1. L-isem tal-manifattur tal-prodott ta' assicurazzjoni mhux tal-ħajja, l-Istat Membru fejn hu rreġistrat dak il-manifattur, l-istatus regolatorju tiegħu u, meta jkun rilevanti, in-numru ta' awtorizzazzjoni tiegħu għandu jiġi eżattament wara t-titolu "dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni" li jinsab fuq nett fl-ewwel paġna.
2. Il-manifattur jista' jdaħħal il-logo tal-kumpanija tiegħu fin-naħa tal-lemin tat-titolu.

⁽¹⁾ ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19.⁽²⁾ Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibilità II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

Artikolu 2

Referenza għal informazzjoni prekuntrattwali u kuntrattwali

Id-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni għandu jiddikjara b'mod prominenti li l-informazzjoni prekuntrattwali u kuntrattwali kompluta dwar il-prodott ta' assicurazzjoni mhux tal-ħajja tiġi pprovduta lill-konsumatur f'dokumenti oħrajn. Din id-dikjarazzjoni għandha titqiegħed immedjatament wara l-isem tal-manifattur tal-prodott ta' assicurazzjoni mhux tal-ħajja.

Artikolu 3

Tul

Id-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni għandu jikkupa żewġ naħat ta' karta ta' daqs A4 meta stampat. B'mod eċċezzjonali, jekk hemm bżonn ta' aktar spazju, id-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni jista' jikkupa massimu ta' tliet naħat ta' folja daqs A4 meta jkun stampat. Meta manifattur juża tliet naħat ta' karta ta' daqs A4, huwa għandu, jekk jintalab mill-awtorità kompetenti, ikun kapaċi juri li kellu bżonn aktar spazju.

Artikolu 4

Preżentazzjoni u ordni tal-kontenut

1. L-informazzjoni tad-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti ta' assicurazzjoni elenkata fl-Artikolu 20(8) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi ppreżentata f'taqsimiet differenti u f'konformità mal-istruttura, it-tqassim tal-paġna, l-intestaturi u s-sekwenza, kif stabbiliti fil-format ta' preżentazzjoni standardizzata fl-Anness ta dan ir-Regolament, bl-użu ta' daqs ta' tipa li jkollha għoli x ta' mill-anqas 1,2 mm.
2. It-tul tat-taqsimiet jista' jvarja, skont l-ammont ta' informazzjoni li trid tiġi inkluża f'kull taqsima. L-informazzjoni dwar is-supplimentazzjonijiet u l-koperturi fakultattivi ma għandhiex tiġi ppreċeduta b'tikks, slaleb jew marki esklamattivi.
3. Meta dan id-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodott ta' assicurazzjoni jiġi ppreżentat permezz ta' mezz durabbli li ma jkunx karta, id-daqs tal-komponenti fit-tqassim tal-paġna jista' jinbidel, dment li t-tqassim tal-paġna, l-intestaturi u s-sekwenza tal-format tal-preżentazzjoni standardizzata, kif ukoll il-prominenza u d-daqs tal-elementi differenti, jinżammu.
4. Meta d-dimensjonijiet ta' mezz durabbli ħlief karta jkun tali li ma jkunx fattibbli li t-tqassim tal-paġna juża żewġ kolonni, tista' tintuża preżentazzjoni li tuża kolonna waħda, dment li s-sekwenza tat-taqsimiet tkun kif ġej:
 - (a) "Din x'tip ta' assicurazzjoni hi?"
 - (b) "X'qed jiġi assigurat?"
 - (c) "X'mhuwiex assigurat?"
 - (d) "Hemm xi restrizzjonijiet fuq il-kopertura?"
 - (e) "Fejn jien kopert?"
 - (f) "X'inhuma l-obbligi tiegħi?"
 - (g) "Meta u kif inħallas?"
 - (h) "Meta tibda u meta tispiċċa l-kopertura?"
 - (i) "Kif nikkanċella l-kuntratt?"
5. L-użu ta' strumenti diġitali, inkluż *layering* u *pop-ups* għandu jkun permess, dment li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(8) tad-Direttiva (UE) 2016/97 tkun ipprovduta fil-parti prinċipali tad-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti ta' assicurazzjoni u li l-użu ta' strumenti bħal dawn ma jfjixkilx l-attenzjoni tal-konsumatur mill-kontenut tad-dokument prinċipali.

L-informazzjoni pprovduta mil-*layering* u l-*pop-ups* ma għandhiex tinkludi marketing jew materjal pubbliċitarju.

Artikolu 5

Lingwaġġ sempliċi

Id-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti tal-assgurazzjoni għandu jiġi abozzat b'lingwaġġ sempliċi, li jiffaċilita lill-konsumatur jifhem il-kontenut ta' dak id-dokument, u għandu jiffoka fuq informazzjoni ta' importanza ewlenija li l-konsumatur ikun jenħtieġ sabiex jagħmel deċiżjoni informata. Il-kliem tekniku għandu jiġi evitat.

Artikolu 6

Intestaturi u l-informazzjoni ta' taħthom

1. It-taqsimiet tad-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodott tal-assgurazzjoni għandu jkollhom l-intestaturi li ġejjin u l-informazzjoni li ġejja taħthom:

- (a) l-informazzjoni dwar it-tip ta' assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(8) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "Din x'tip ta' assigurazzjoni hi?", fil-parti ta' fuq tad-dokument;
- (b) l-informazzjoni dwar ir-riskji ewlenin assigurati msemmija fl-Artikolu 20(8) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "X'qed jiġi assigurat?". Kull biċċa informazzjoni elenkata fit-taqsimi għandha tiġi preċeduta minn simbolu ta' "tikk" ħadra;
- (c) l-informazzjoni dwar is-somma assigurata msemmija fl-Artikolu 20(8)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "X'qed jiġi assigurat?";
- (d) l-informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku, fejn applikabbli, msemmija fl-Artikolu 20(8)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "Fejn jien kopert?". Kull biċċa informazzjoni elenkata f'din it-taqsimi għandha tiġi preċeduta b'simbolu ta' "tikk" blu.
- (e) l-informazzjoni dwar is-sommarju tar-riskji esklużi msemmija fl-Artikolu 20(8)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "X'mhuwiex assigurat?". Kull biċċa informazzjoni f'din it-taqsimi għandha tiġi preċeduta minn simbolu aħmar "X";
- (f) l-informazzjoni dwar l-esklużjonijiet ewlenin msemmija fl-Artikolu 20(8) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "Hemm xi restrizzjonijiet fuq il-kopertura?". Kull biċċa informazzjoni elenkata f'din it-taqsimi għandha tiġi preċeduta minn simbolu ta' marka esklamattiva oranġjo;
- (g) l-informazzjoni dwar l-obbligi rilevanti msemmija fil-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 20(8) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "X'inhuma l-obbligi tiegħi?";
- (h) l-informazzjoni dwar il-mezzi u t-tul ta' żmien ta' pagament ta' primjums msemmija fl-Artikolu 20(8)(c) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "Meta u kif inħallas?";
- (i) l-informazzjoni dwar il-perjodu tal-kuntratt msemmija fl-Artikolu 20(8)(h) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "Meta tibda u meta tispiċċa l-kopertura?";
- (j) l-informazzjoni dwar il-mezzi biex jispiċċa l-kuntratt msemmijin fl-Artikolu 20(8)(i) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tiġi inkluża taħt l-intestatura "Kif nikkanċella l-kuntratt?".

2. L-użu ta' subintestaturi huwa permess, fejn huwa meħtieġ.

Artikolu 7

Użu ta' ikoni

1. Fil-bidu ta' kull taqsimi, wieħed għandu jsib ikona li tirrappreżenta viżwalment l-intestatura, kif ġej:
 - (a) l-informazzjoni dwar ir-riskji ewlenin assigurati msemmija fl-Artikolu 20(8)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tkun preċeduta minn ikona forma ta' umbrella, b'kulur abjad fuq sfond aħdar jew aħdar fuq sfond abjad;

- (b) l-informazzjoni dwar l-ambitu ġeografiku tal-kopertura tal-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(8)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tkun preċeduta minn ikona forma ta' globu kulur abjad fuq sfond blu jew blu fuq sfond abjad;
 - (c) l-informazzjoni dwar ir-riskji esklużi msemmija fl-Artikolu 20(8)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tkun preċeduta minn ikona ta' "X" fi trijangolu kulur abjad fuq sfond aħmar jew aħmar fuq sfond abjad;
 - (d) l-informazzjoni dwar l-esklużjonijiet ewlenin imsemmija fl-Artikolu 20(8)(d) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tkun preċeduta minn punt esklamattiv ("!") fi trijangolu kulur abjad fuq sfond oranġjo jew oranġjo fuq sfond abjad;
 - (e) l-informazzjoni dwar l-obbligi fil-bidu tal-kuntratt, matul il-perjodu tal-kuntratt u fil-każ li ssir pretensjoni, imsemmija fil-punti (e), (f) u (g) ta' 20(8) tad-Direttiva (UE) 2016/97, rispettivament, għandha tkun preċeduta minn ikona ta' teħid bl-idejn ta' kulur abjad fuq sfond aħdar jew aħdar fuq sfond abjad;
 - (f) l-informazzjoni dwar il-mezzi u t-tul ta' żmien tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 20(8)(c) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tkun preċeduta minn ikona forma ta' muniti ta' kulur abjad fuq sfond isfar jew isfar fuq sfond abjad;
 - (g) l-informazzjoni dwar il-perjodu tal-kuntratt imsemmija fl-Artikolu 20(8)(h) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tkun preċeduta minn ikona forma ta' arloġġ tar-ramel ta' kulur abjad fuq sfond blu jew blu fuq sfond abjad;
 - (h) l-informazzjoni dwar il-mezz biex jispiċċa l-kuntratt imsemmija fl-Artikolu 20(8)(i) tad-Direttiva (UE) 2016/97 għandha tkun preċeduta minn ikona forma ta' pala tal-id miftuħa li tinsab fuq tarka ta' kulur abjad fuq sfond iswed, jew iswed fuq sfond abjad.
2. L-ikoni kollha għandhom jintwerew b'mod konsistenti mal-format ta' preżentazzjoni standardizzata fl-Anness.
3. L-ikoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jiġu ppreżentati bl-iswed u bl-abjad meta d-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodotti ta' assicurazzjoni jkun stampat jew fotokopjat bl-iswed u l-abjad.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Xxxxx Assigurazzjoni

Dokument ta' Informazzjoni dwar il-Prodotti tal-Assigurazzjoni

Kumpanija: Kumpanija tal-assigurazzjoni <Isem>

Prodott: Polza <Isem>

[Id-dikjarazzjoni li l-informazzjoni prekontrattwali u kontrattwali dwar il-prodott hija kompluta tinsab ipprovduta f'dokumenti oħrajn]

Din x'tip ta' assigurazzjoni hi?

[Deskrizzjoni tal-assigurazzjoni]



X'qed jiġi assigurat?

- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx
- ✓ Xxxxx



X'mhuwiex assigurat?

- ✗ Xxxxx
- ✗ Xxxxx
- ✗ Xxxxx
- ✗ Xxxxx
- ✗ Xxxxx
- ✗ Xxxxx



Hemm xi restrizzjonijiet fuq il-kopertura?

- ! Xxxxx
- ! Xxxxx
- ! Xxxxx
- ! Xxxxx
- ! Xxxxx



Fejn jien kopert?

- ✓ Xxxxxx



X'inhuma l-obbligi tiegħi?

- Xxxxxx
- Xxxxxx
- Xxxxxx
- Xxxxxx



Meta u kif inħallas?

- Xxxxxx



Meta tibda u meta tispiċċa l-kopertura?

- Xxxxxx



Kif nikkanċella l-kuntratt?

- Xxxxxx